

Ġesù Bambin nagħtuk lilna nfusna
B’rigal ċkejken li ħiereġ mil-qalb
Ilqgħu int bħalma lqajt int tar-rgħajja
Ir-rigali msieħba bit-talb.

B’hekk ningħaqdu llum ilkoll miegħeK
Bħal f’familja lkoll wisq ħenjin
f’Saltna waħda tas-Sewwa u Ġustizzja
ta’ Sliem veru fil-qlub tal-bnedmin.

**Milied u Sena Ġdida**
**mimlija risq, hena u paċi lil kulħadd**

**Laqgħat tal-*Praesidium* f’Ħad-Dingli**
**għan-nisa u rġiel**

**Jum**: Kull nhar ta’ Erbgħa

**Ħin**: 4:45 pm

**Post**: Fiċ-Ċentru Parrokkjali





Fuljett maħruġ mill-Praesidium
**Marija Mtellgħa s-Sema**
**Ħad-Dingli**
**Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi**

**Leġjun ta’ Marija**

**Ħarġa Nru. 9**
**2024**



## *L-IMQADDSA MARIJA, OMM IT-TAMA*

**Għeżież,** ninsabu kważi xahar ’il bogħod milli nibdew ngħixu l-Ġublew Ordinarju tas-Sena 2025 bit-tema: *Pellegrini tat-Tama*. Ħsibt għalhekk li nirriflettu ftit dwar din il-virtù fid-dawl tal-figura tal-Verġni Imqaddsa Marija.

L-ewwelnett ejjew nagħrfu li ma kinux ftit missirijiet il-Knisja li meta rriflettew fuq Sidtna Marija jistqarru li tassew hi kienet tagħmel ma’ dawk l-erwieħ umli u kbar f’Israel li kienu jitħaddtu fuq it-tama, fuq il-wegħda li saret lil Abraham u ’l nislu (ara Lq 1:55), Abraham li meta ma kellu ebda tama, ittama u emmen. Fl-istess waqt jgħidulna li isimha stess ifakkarna f’dan il-wied tad-dmugħ, iżda li hi, bil-preżenza u l-*iva* tagħha lil Alla, tfakkarna wkoll li Alla huwa ħniena, li Hu huwa mħabba. Hi li laqgħet fiha u tatna lil binha Ġesù, *Għimmanu-El*, Alla jsalva, Alla magħna, issir bħal dak is-sebħ li jgħidilna: *għalikom tiela’ x-xemx tal-ġustizzja, ix-xemx tal-ħniena, tal-fedeltà u tal-imħabba*.

Aktar tard, fit-tagħlim tal-Papiet, jispikka fosthom dak tal-Papa San Ġwanni Pawlu II, Marija hi murija bħala l-mudell *per eċċellenza* ta’ din il-virtù; lilha wkoll saritilha wegħda li kienet impossibbli sseħħ b’mod uman; imma Marija fetħet qalbha għal Alla u ħallietu jmexxiha: emmnet u għarfet bis-sħiħ li hu *“jibqa’ jżomm kelmtu, għax hu ma jistax iqarraq bih innifsu.”* (2 Tim. 2:13). Mhux ta’ b’xejn allura li, mal-medda tas-snin, il-pjetà popolari bdiet tagħraf fil-Verġni Mqaddsa t-tama ċerta li fil-ġrajjiet imqallba tal-ħajja, l-Omm ta’ Alla taqbeż għalina biex tgħinna, tweżinna u tistedinna nafdaw u nittamaw. Xhieda ta’ dan għandna t-talba tas-***Salve Regina***: *“Sliem għalik, Sultana, Omm tal-ħniena, tama tagħna…”*.

*(ikompli f’paġna 2)*

Bl-istess fiduċja u fidi, jistedinna Papa Franġisku, li sa mill-2020, ħeġġiġna sabiex ilkoll induru ta' spiss lejha u nitolbuha bl-invokazzjoni: ***Mater spei* - Omm it-tama**, fil-Litanija Lawretana, li aħna nitolbu wara r-Rużarju.

U reċentement, nhar il-Festa ta' Lapsi tal-2024, permezz tal-Bolla tal-Indizzjoni tal-Ġublew tal-2025: ***"Spes non confundit"* - *"It-Tama ma tqarraqx"*** (Rum 5:5), Papa Franġisku jkompli jħeġġiġna nagħrfu li: ***24.*** *It-tama ssib fl-Omm ta' Alla l-ogħla xhud tagħha. Fiha naraw kif it-tama mhix ottimiżmu battal, imma don ta' grazzja fir-realiżmu tal-ħajja ... . Jiena fiduċjuż li lkoll, speċjalment dawk li qed ibatu u huma mġarrba, jistgħu jduqu l-qrubija tal-aktar omm li taf tħobb, li qatt ma titlaq waħedhom lil uliedha, hi li għall-Poplu qaddis ta' Alla hi* "sinjal ta' tama żgura u ta' faraġ" *(Ara Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika* **Lumen Gentium** *fuq il-Knisja, 21/11/1964, n.68).*

Nistedinkom għalhekk sabiex matul dawn il-jiem, ta' spiss insellmu lil Ommna Marija bl-aħħar kelmiet tat-Talba li tagħlaq l-*Ittra enċiklika* ***'Spe Salvi'*** *tal-Papa Benedittu XVI*:

***Qaddisa Marija, Omm Alla, Omm tagħna,***
***għallimna nemmnu, nittamaw u nħobbu flimkien miegħek.***
***Urina t-triq lejn is-saltna tiegħu!***
***Kewkba tal-baħar, iddi fuqna u mexxina fil-mixi tagħna!***

Kan. David Farrugia
Arċipriet



## Membri Leġjunarji fit-triq tal-Qdusija



### Il-Qaddej t'Alla Alfie Lambe

Il-Qaddej ta' Alla, Alphonsus Lambe, (magħruf bħala Alfie) twieled f'Tullamore, l-Irlanda fil-festa ta' San Ġwann Battista, il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju 1932, waqt il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Dublin.

Bħal San Ġwann kien prekursur - il-prekursur tal-Leġjun ta' Marija, li l-Papa Pawlu VI ddeskriva bħala l-akbar moviment li ilu stabbilit għall-ġid tal-erwieħ sa' mill-era tal-Ordnijiet Reliġjużi kbar.

Alfie Lambe u Seamus Grace jaslu Bogota
Wara li qatta' perjodu ta' żgħożitu fin-novizzjat tal-Christian Brothers Irlandiżi, kellu jitlaq minħabba saħħa delikata, sab il-vokazzjoni tiegħu fil-Leġjun ta' Marija, inħatar ir-Rapprezentant tal-leġjun għal Bogota fl-1953. Ma' Seamus Grace, telaq lejn Bogota, Kolombja fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu (16 ta' Lulju) ta' dik is-sena.

Għal kważi sitt snin ħadem bla waqfien fil-promozzjoni tal-Leġjun ta' Marija fil-Kolombja, l-Arġentina, l-Ekwador, l-Urugwaj u l-Brażil. Wara marda qasira iżda gravi miet fi Buenos Aires fil-festa ta' Sant' Agnes, 21 ta' Jannar 1959.

Alla kien tah doni naturali kbar, personaġġ li ġibed l-erwieħ lejn is-servizz u l-imħabba t'Alla, entużjażmu u abiltà għat-tagħlim tal-lingwi, u dan ippermettielu jikseb malajr l-għarfien tal-lingwa fl-Ispanjol u l-Portugiż.

Matul is-snin tiegħu fl-Amerika t'Isfel waqqaf għadd ġmielu ta' fergħat tal-Leġjun ta' Marija, u ħarreġ kotra kbira ta' persuni fl-appostolat tal-Leġjun. Id-devozzjoni tiegħu lejn Marija kienet tispikka, u f'kuntatti ma' Leġjunarji u oħrajn spjega u ħeġġeġ il-prattika tal-vera devozzjoni lejn il-Madonna.

Huwa midfun fil-kripta tal-Christian Brothers Irlandiżi, fiċ-Ċimiterju ta' Recoleta, Buenos Aires.

Fis-17 ta 'Jannar 2020 il-Kungress Ordinarju tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin ħatar lil Mons. Brosel Gavila José Jaime bħala relatur għall-kawża ta' Alfie Lambe. Ix-xogħol fuq il-*Positio* (il-proċess sabiex jiġi dikjarat Venerabbli) huwa taħt il-gwida tiegħu.

## Dimostrazzjoni tal-Bambin li beda San Ġorġ Preca



Il-MUSEUM kien diġa ilu 14-il sena mwaqqaf meta San Ġorġ ried li fil-Milied jagħmel xi ħaġa ġdida. Ried jagħmel Dimostrazzjoni bil-Bambin fit-toroq tal-Ħamrun. Madwar tlett ġimgħat qabel il-Milied tas-sena 1921 huwa wera din ix-xewqa lil kandidati, soċi u membri li kienu jiltaqgħu kull nhar ta' Erbgħa ġewwa l-Ħamrun. Ried li din id-Dimonstrazzjoni tkun imżejna bil-kant sabieħ u b'sens qawwi ta' paċi u serenità.

Jingħad li daru u fittxew kemm felħu biex isibu Bambin għall-purċissjoni. Ma setgħu jsibu b'xejn. Kien Patri Franġiskan Konventwali mill-Komunità tal-Belt li għaddielhom Bambin għal purċissjoni li xtaq San Ġorġ. Kien is-Sibt, 24 ta' Diċembru tal-1921, meta San Ġorġ Preca organizza l-ewwel purċissjoni bil-Bambin fit-toroq tal-Ħamrun. Bdiet minn dak li kien imsejjaħ il-Mużew il-Kbir li kien fi Triq Atoċja qrib il-knisja tas-Samra. Il-purċissjoni saret u ħafna tfal u rġiel ħadu sehem fiha jżommu xemgħat u weraq tal-palm. Il-ħsieb profond ta' San Ġorġ Preca kien li t-tfal minn ċkunithom għandhom jifhmu li l-veru sens tal-Milied, li hu t-twelid ta' Ġesù.

Fil-fatt, San Ġorġ kellu ħafna għall-qalbu l-misteru tal-Inkarnazzjoni, jiġifieri t-twemmin li l-Iben ta' Alla sar Bniedem. Mhux ta' b'xejn li San Ġorġ għażel il-motto għas-Soċjetà tad-Duttrina "*Verbum Dei Caro Factum Est*" li tfisser "Il-Kelma ta' Alla Saret Bniedem." L-ewwel Superjur tal-MUSEUM, il-Qaddej t'Alla, Ewġenju Borg jgħid li din l-espressjoni lil San Ġorġ kienet taffaxinah. San Ġorġ ried ixerred din l-imħabba lejn il-misteru tal-Inkarnazzjoni kemm jiflaħ. Huwa ħareġ il-Bambin mill-presepju u dar bih fit-toroq. Ried li l-Bambin jintwera u jkun fiċ-ċentru tal-Milied u din tissejjaħ id-Dimostrazzjoni u ċelebrazzjoinni ta' fidi.



## Il-Qorq



L-ewwel darba li nsibu referenza għal-qorq fl-iskrittura kien meta Mosè waqt li kien jirgħa n-nagħaġ ta' ħatnu Getro ra' l-għollieq jaqbad bla ma jintemm. Hu resaq lejh jaqbad biex jara għaliex. Hemmhekk sema' leħen li qallu, "*Mosè, Mosè neħħi l-qorq minn saqajk għax il-post fejn qiegħed hu qaddis*". (Esodu 3, 5).

Tajjeb niftakru li l-art li nimxu fuqha hi misħuta minħabba d-diżubbidjenza ta' Adam lejn Alla meta sema' aktar minn Eva. Dan insibuh fil-Ġenesi Kap 3, versi 17-18. Hemm miktub hekk: "*L-art misħuta minħabba fik, xewk u għollieq ittik*". Mela rridu u ma rridux, ikollna nġorru din it-tbatija għax aħna umani u m'għandniex ġwienaħ biex ma mmissux mal-art. Imma fejn hemm Alla bil-preżenza tiegħu, il-misħut jinbidel fi qdusija. Allura l-qorq jaqtagħna minn mal-art u bil-għajnuna t'Alla nistgħu ngħixu ħajja tajba.

Post ieħor fejn insibu l-qorq hu meta Alla qal lil Mosè fil-ktieb tal-Esodu x'għandu jagħmel qabel ma joħroġhom mill-jasar. "*Jieklu l-ħaruf b'dan il-mod, qaddejhom imħażżma, bil-qorq f'riġlejhom u l-ħatar f'idejhom u jekluh bl-għaġġla.*" Hawnhekk bil-qorq f'riġlejhom ifisser li Alla jrid li l-poplu tiegħu jinqata' mill-imgħoddi tal-jasar u d-dnub għall-ħajja ħielsa u qaddisa.

Fil-bidu tal-ministeru tiegħu Ġesù, mar għand Ġwanni l-għammied biex jitgħammed mhux għax kellu bżonn il-magħmudija. Ġesù hu bla dnub, anzi l-qdusija perfetta. Ried biss il-magħmudija ta' Ġwanni jgħolliha għall-aqwa sagrament għax permezz tagħha jinfetħu s-sagramenti l-oħra. Ġwanni ma ħassux dehen li jħoll il-qfieli tal-qorq ta' Ġesù aħseb u ara jgħammdu. Dan għax Ġesù hu Qdusija Divina u kulma jmiss miegħu hu qaddis anke sempliċi lazz ta' qorq.

Ħbieb niftakru li meta filgħodu nilbsu ż-żarbun jew is-sandli ngħidu, "Mulej jien qiegħed nimxi fuq din l-art imma jien minix tad-dinja għax iżolat bil-qorq".

**Albert Sammut**
**President**

## Gwerra

***Kitba ta' Joseph Muscat***



Missier, elf darba xtaqt naħrab u niġri 'l bogħod fejn le nisma' l-leħen maħnuq ta' bniedem mimli dmija, il-bniedem li ġġieled fuq kamp tal-battalja ħarxa, il-bniedem li sofra bla jaf l-għaliex qed jiġġieled. U 'l bogħod minnu tistenna bla tama li għad jerġa' jiġi, martu u magħha uliedhom. Gwerra bla skrupli bla ħniena, toqtol u tferi, tfittex id-demm u l-qerda ta' persuni u pajjiżi. Gwerra!

Nixtieq elf darba li jisbaħ jum wieħed u bħal ġlata friska, nadifa, tleqq taħt dijiet ix-xemx, taqa' t-tama tal-paċi fuq id-dinja li taf elf gwerra qerrieda. It-tama li tnissel il-ħlewwa, u jerġgħu jiddu l-uċuħ bil-ferħ u t-tislima ta' paċi tinfirex ma' l-erbat irjieħ. U le ma jkun hemm iżjed tinwieħ is-sireni u l ħsejjes li jtarrxu tal-bombi, u l-imnifsejn ma jimtlewx aktar bir-riħa tad-demm imma bir-riħa tal-fjuri li jfewwħu fil-ġonna sbieħ.

U l-bniedem jerġa' lura fi ħdan martu u wliedu u demgħat ta' ferħ timlilhom qalbhom bit-tama u l-għajta tinfirex – mhemmx aktar gwerrer, ngħixu bħal aħwa, narmu l-armamenti u nibnu pontijiet ta' paċi.

Imma f'widnejja għadni nisma' l-biki ta' mara li tilfet lil żewġha fil-gwerra (għal paċi!) u l-ulied jiġġerrew barra jfittxu 'l dak li darba kienu jsejjħulu 'pa'.

Missier, Int ħlaqtna biex ngħatuk tifħir, biex inħobbuk f'ħutna l-bnedmin! Tina l-kuraġġ ħa ngħarfu kemm qed nimpenjaw ruħna bis-serjetà biex ngħixu skont kif tixtieqna Int fil-paċi u s-sliem.





## L-Artal ~ It-Tiżjin

Fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, hemm bżonn li jkun hemm fuq l-Altar jew ħdejh, il-kandlieri bix-xemgħat mixgħula għall-ġieħ tal-Altar u għall-ferħ taċ-ċelebrazzjoni. Dawn ix-xemgħat jitqiegħdu fuq l-Altar jew madwaru, skont il-għamla tal-Altar u tal-Presibterju; hekk li tinżamm armonija f'kollox u l-fidili ma jkollhom ebda xkiel biex jaraw tajjeb dak li jkun qiegħed isir jew jitqiegħed fuq l-Altar. (O.G.M.R. - 269)[1].

Ix-xemgħa li tinħela bil-mod il-mod u tagħti d-dawl u s-sħana, hija simbolu tar-ruħ, imżejna bid-dawl tal-qdusija u mkebbsa bin-nar tal-imħabba li dejjem lesta li taċċetta minn idejn Alla kull sagrifiċċju u li toffrilu ħajjitha kollha bħala vittma għall-ġieħ Tiegħu. Barra minn hekk, fuq l-Altar jew fil-qrib tiegħu, ikun hemm Salib li jidher sewwa mill-ġemgħa. (O.G.M.R. - 270).[1]

L-Altar jirrappreżenta l-Kalvarju u bħala Kalvarju jew Għolja tas-Sagrifiċċju, ma jistax ikun mingħajr is-Salib, illi quddiemu s-Saċerdot li jkun iqaddes f'xi mumenti jbaxxi rasu u jagħmel sinjali oħra ta' qima. Mhux biss is-Saċerdot, iżda wkoll dawk li jkunu jieħdu sehem fil-Quddiesa, għandhom iħarsu spiss lejn il-Kurċifiss, biex jitgħallmu l-veru għerf.

Għall-ġieħ lejn iċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira tal-Mulej u lejn il-mejda li fiha jittiekel il-Ġisem u jinxtorob id-Demm tal-Mulej, fuq l-Altar titqiegħed għallinqas tvalja waħda li, għal dik li hi tifsila, daqs u tiżjin, tkun taqbel mal-għamla tal-istess Altar. (O.G.M.R. - 268).[1]

Minn dejjem l-Altar kien ikun mgħotti bi tvalja li kienet titqiegħed fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika u titneħħa fit-tmiem tagħha. Mis-seklu tmienja 'l quddiem, bdew jintużaw iktar minn tvalja waħda, xi drabi anki erba'. It-tvalja tal-wiċċ kienet tkun imżejna, iżda l-użu tal-bordura tal-bizzilla, fit-tvalji tal-Altar, daħal fis-seklu sittax. Wara l-Konċilju Vatikan it-Tieni, barra l-Korporal, biżżejjed ikun hemm tvalja waħda fuq l-Altar, skont id-daqs tal-wiċċ tiegħu u lanqas ma hu meħtieġ li tkun tal-għażel, kif kien qabel.

It-tvalji jitqiegħdu fuq l-Altar tant biex is-Sagrifiċċju jitwettaq f'lok nadif, kemm ukoll sabiex jekk qatt jixxerred l-inbid ikkonsagrat, jinxtorob mit-tvalji u ma jaqax fl-art. Il-bjuda tat-tvalji, għandha tfakkar lill-insara mdawrin mal-Altar, fis-safa tar-ruħ li hija meħtieġa sabiex jieħdu sehem kif imiss fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa.

[1] *Ordinamento Generale del Missile Romano*



**Esperjenzi fis-settur tas-saħħa - serje ta' artikli (8)**

***Kitba ta' Ernest Taliana - Ex. Nursing Manager***

Fl-isptar San Luqa, fiż-żmien li kont naħdem hemm, it-Tqarbin fis-swali kien isir ta' kuljum. Kien isir fil-għodu mill-kappillani ta' l-isptar (Kapuċċini). It-tqarbin kien jibda' mill-5.30am biex iduru l-isptar SLH u KGH. (Karen Grech Hosp.). Fil-għaxija kienu jduru s-swali għal min irid iqerr. Il-pazjenti li kienu jidraw il-ħoss tal-qampiena tal-Kappuċin, is-sinjal li wasal ħin-il qrar għal min irid.

Peress li s-sala tiegħi kienet l-iktar qrib il-kappella minn fejn kienu joħorgu biex iqarbnu, kienu jibdew minnha. Lill-pazjenti konna nippreparawhom kmieni. Fil-5am, konna induruhom, inbidlulhom jekk kien ikun hemm bżonn, u nistaqsuhom jekk hux ser jitqarbnu. Jekk le inħalluhom reqdin. Jekk iva konna nirranġawlhom s-sodda pulita u intellgħu il-'*bedspread*' bħala sinjal għal-patri li dak il-pazjent ser jitqarben. Konna nagħmlu anke biljett fuq il-mejda tiegħu. Nurse kien jistenna lill-patri fil-bidu tas-sala u jdur miegħu biex ma jintilifx ħin prezzjuż. Nurse ieħor kien ikun fejn il-pazjenti li kienu dipendenti u jtihom ftit ilma biex jibilgħu l-Ostja. Dik kienet l-użanza dak iż-żmien. Kellna rispett kbir għal dawn l-affarijiet.

Ċertu inċidenti li rajt bqajt niftakarhom. Kien ikun hemm xi pazjenti li ma kienu jtuk inkwiet ta' xejn imma f'xi ħin jitħawdu u jġibuk fl-inkwiet. Każ partikulari kien darba bil-lejl fejn pazjent filli kien fis-sodda rieqed u f'daqqa waħda ma sibnieħx fis-sala. Fittixnieh kullimkien. Ħin minnhom smajna xi krib ġej minn taħt t-tieqa ta' fejn s-sodda tiegħu, ittawwalna għal isfel u sibnieh ma' l-art, xi sular l-isfel. Kien qabeż mit-tieqa. Kien xortieħ tajba għax kull ma kellu ksur f'siequ u ma mietx. Konna tlajna s-*shift* kollu l-qorti fuq il-każ imma l-maġistrat ma sabniex ħatja għax il-pazjent ma kienx "*constant-watch*". Il-pazjent kien tgerfex u għamel li għamel.

Kont għadni student fit-tielet sena tal-kors tiegħi. Pazjent ta' xi 70 sena fis-sala tal-kiruġija fejn kont xogħol dak inhar. Pazjent kwiet u l-ħin kollu jippassiġġa fil-kuritur tas-sala, jżebbeġ bil-kuruna tar-Rużarju. Kellu tip ta' kanċer. Is-sala kienet fit-tieni sular ta' l-isptar, F'xi 2pm, waqt li nofs l-impjegati kienu fil-ħin tal-mistrieħ tagħhom, dan ħareg mis-sala, telgħa sular ieħor, tela' fit-tieqa tat-taraġ u ħadha għal-isfel. Spiċċa fejn l-bieb ta' l-emerġenza, imfarrak u bla ħajja, u bil-kuruna mgeżwra ma' idu. Ma ridtx nemmen li dak il-pazjent wasal biex ħa dik id-deċizjoni fuq ħajtu. Min jaf kif ħadem moħħu? Il-moħħ tal-bniedem huwa kumpless ħafna u meta jiżbilanċja, il-konsegwenzi jistgħu jkunu misterjużi u fatali.





## IL-PAPIET - Seklu VI

*Kitba ta' Rev. Fr. Vincent Magro MSSP*

**San Ormisda** (514-523). Dan huwa it-52 Papa wara Pietru. Il-Papat tiegħu dam 9 snin. Fis-sena 519 intlaħaq ftehim bejn il-Papa u l-Patrijarka tal-Lvant u b'hekk spiċċa ix-xiżma li kienet bdiet fl-484AD.

**San Bonifaċju II** (580-587). Kien ta' nisel Ġermaniż. Fi żmienu kien hemm ħafna firda għaliex il-kleru ta' Ruma għażlu lil Dijoskoru ta' Lixandra bħala l-Papa l-ġdid pero ġara li Dijoskoru miet 22 ġurnata wara u għalhekk il-problema inħallet waħidha.

**Viġilju** (537-555). Dan il-Papa la kien tajjeb u lanqas diplomatiku għaliex hu kien ftiehem mal-Imperatriċi Teodora biex jakkwista s-Sede ta' Pietru u jpoġġi lill-Isqof Antima sabiex jokkopu l-Patrijarkat ta' Kostantinopli. Imma nqala l-inkwiet mal-Imperatur fis-sena 547 għaliex il-Papa kkundanna l-Monofiżismu fejn l-Awtorità Ċivili ma' qablitx miegħu fuq dan il-punt.

**Ġwanni III** (561-574). Fiż-żmienu, l-Italja ġiet invadida mill-Lombobardi. Huwa pprova jiġbed lejh ċertu Ġeneral Narses biex jiddefendi lil Belt ta' Ruma. Dan ma rnexillux għaliex in-nies ta' Ruma ma' qablux miegħu. L-inkwiet spiċċa għal kollox meta Narses miet fis-sena 527.



**IL-MUŻIKA MARJANA (l-ewwel parti)**

*Kitba ta'* **Mro. Chev. James Chappell ALCM LLCM KLJ**

Id-Duttur tal-Knisja Santu Wistin, Isqof ta' Ippona, jikteb li min ikanta sew ikun qed jitlob doppjament. Din l-istqarrija, bil-Latin *bis orat qui bene cantat,* fil-Missal Ruman tintroduċi t-taqsima dwar l-importanza tal-kant fil-quddiesa fejn il-kor mhux biss huwa mistenni li jkanta l-partijiet tiegħu u jaqdi l-funzjoni tiegħu fl-aħjar abbiltà possibbli, iżda huwa wkoll mistenni li għandu jrawwem il-parteċipazzjoni attiva tan-nies fil-kant u għandu jkun hemm kantur jew direttur tal-kor biex imexxi u jsostni l-kant tal-miġgħema. Minn dan kollu nifhmu li l-kant, u naturalment il-mużika, waqt il-mumenti ta' talb u partikolarment waqt il-quddiesa, li hija t-talba per eċċellenza, huwa element intrinsiku u importanti fil-Liturġija u fil-promulgazzjoni tal-kult u d-devozzjoni partikolari li tkun.

Sa mill-ewwel snin tal-Knisja, San Pawl innifsu, fl-Ittra lill-Kolossin jikteb: "Ħalli l-kelma ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bl-għerf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali, u b'radd il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla" (Kol. 3:16). U saħansitra jekk nibqgħu niżlin sa żmienna, fl-introduzzjoni tad-Direttorju Dwar il-Pietà Popolari u l-Liturġija maħruġ mill-Kongregazzjoni tas-Santa Sede għall-Qima Divina u d-Dixxiplina tas-Sagramenti fl-2001, taħt Kant u Mużika, numru 17, insibu: "Il-kant, espressjoni naturali tar-ruħ ta' kull nazzjon, għandha rwol importanti fil-pietà popolari. Il-konservazzjoni tal-ġabra ta' innijiet tradizzjonali trid tkun marbuta ma' spirtu bibliku u ekkleżjali li jkun miftuħ għall-possibbiltà, fejn meħtieġ, tar-reviżjoni tagħhom jew għall-kompożizzjoni ta' għanjiet ġodda. Fost xi popli, il-kant huwa marbut b'mod istintivament maċ-ċapċip tal-idejn, movimenti ritmiċi tal-ġisem u anke żfin.

(*ikompli f'paġna 7*)



Dawn huma forom esterni ta' sentiment interjuri u huma parti minn tradizzjonijiet popolari, speċjalment f'okkażjonijiet bħall-festi patronali. Ovvjament, dawn għandhom ikunu espressjonijiet ġenwini ta' talb komunitarju u mhux biss spettakli teatrali. Il-fatt tal-prevalenza tagħhom f'qasam wieħed, madankollu, m'għandux jitqies bħala raġuni għall-promozzjoni tagħhom f'oqsma oħra, speċjalment fejn ma jkunux spontanji."

Dan kollu juri mela, li l-Knisja sa mill-bidu nett tagħha tat importanza lill-kant u l-mużika u hekk għadha tagħmel sal-lum. Naturalment, fl-ambitu tal-Leġjun ta' Marija, se niffukaw kemxejn aktar fuq l-innijiet u l-mużika li huma relatati mal-qima lil Sidtna Ommna Marija.

Forsi fost l-ewwel innijiet *per eċċellenza* li jiġina f'moħħna huwa bla dubju l-Ave Maria, f'ilsienna Sliem Għalik Marija, jew fil-qosor is-Sliema. Kien fi żmien ir-Rinaxximent (mis-seklu 14 sal-bidu tas-seklu 17), meta l-kompożitur Franko-Fjamming Josquin des Prez (c. 1450/1455 – 1521), xegħel il-ġamra ta' mużika Marjana bil-motett tiegħu tal-Ave Maria; ġamra li kibret u xterdet f'ħuġġieġa qawwija tant li sa' tmiem is-seklu 19, il-kompożituri kbar storiċi kollha mmużikaw b'mod jew ieħor din it-talba devota tal-Ave Maria. Din l-Ave Maria hija meqjusa bħala l-aktar motett famuż ta' Josquin u waħda mill-aktar kompożizzjonijiet famużi u popolari tas-seklu 15, tant li meta fis-seklu ta' wara ġie mitbugħ għall-ewwel darba volum ta' motetti, din l-Ave Maria tpoġġiet bi prominenza fil-bidu nett.

*(ikompli f'ħarġa oħra)*

***Mro. Chev James Chappell ALCM LLCM KLJ huwa Surmast Direttur tal-Banda San Ġużepp tal-Għaqda Melita tal-Imsida, A/Surmast Direttur tal-Filarmonica Nazionale La Valette tal-Belt Valletta, Maestro di Cappella fil-Parroċċa Arċipretali ta' San Ġużepp tal-Imsida, Maestro di Cappella fil-Parroċċa Arċipretali ta' Santa Marija ta' Ħad-Dingli u Kavallier tal-Ordni Militari u Ospedalier ta' San Lażżru ta' Ġerusalemm.***